Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2025/0398(NLE)

14.4.2026

EMENDI
1 - 9

Abbozz ta' rapport
Borys Budka
(PE785.328v01-00)

Dwar l-adozzjoni tal-Programm ta' Riċerka tal-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, dwar il-linji gwida tekniċi pluriennali għal dan il-programm, dwar il-linji gwida finanzjarji pluriennali għall-immaniġġjar tal-assi tal-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, u t-tħassir tad-Deċiżjonijiet 2003/77/KE u 2008/376/KE

Proposta għal deċiżjoni
(06417/2026 – 2025/0398(NLE))

Emenda 1
Elena Donazzan

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 3

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
(3) Għal dak il-għan, u f'konformità mal-objettivi tal-Programm ta' Riċerka tal-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar ("il-Programm ta' Riċerka") adottat skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/376/KE[3], jenħtieġ li l-finanzjament iqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fil-Boxxla għall-Kompetittività[4], fil-Patt għal Industrija Nadifa[5]***,*** fil-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Azzar u l-Metalli[6]***u fil-Patt Ekoloġiku Ewropew***[7].	(3) Għal dak il-għan, u f'konformità mal-objettivi tal-Programm ta' Riċerka tal-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar ("il-Programm ta' Riċerka") adottat skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/376/KE[3], jenħtieġ li l-finanzjament iqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fil-Boxxla għall-Kompetittività[4], fil-Patt għal Industrija Nadifa[5] ***u*** fil-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Azzar u l-Metalli[6].
[3] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/376/KE tad-29 ta' April 2008 dwar l-adozzjoni tal-Programm ta' Riċerka tal-Fond ***Ewropew għar-Riċerka dwar il-Faħam*** u l-Azzar u dwar il-linji gwida tekniċi pluriennali għal dan il-programm (ĠU L 130, ***20.05.2008***, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2008/376/oj).	[3] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/376/KE tad-29 ta' April 2008 dwar l-adozzjoni tal-Programm ta' Riċerka tal-Fond ***ta' Riċerka tal-Faħam*** u l-Azzar u dwar il-linji gwida tekniċi pluriennali għal dan il-programm (ĠU L 130, ***20.5.2008***, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2008/376/oj).
[4] ***Komunikazzjoni*** tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Boxxla għall-Kompetittività tal-UE", COM(2025) 30 final.	[4] ***Il-Komunikazzjoni*** tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Boxxla għall-Kompetittività tal-UE", COM(2025) 30 final.
[5] ***Komunikazzjoni*** tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni", COM(2025) 85 final.	[5] ***Il-Komunikazzjoni*** tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni", COM(2025) 85 final.
[6] ***Komunikazzjoni*** tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Azzar u l-Metalli",	[6] ***Il-Komunikazzjoni*** tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Azzar u l-Metalli",

COM(2025) 125 final.

*[7] **Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", COM(2019) 640 final.***

COM(2025) 125 final.

Or. en

Emenda 2
Elena Donazzan

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 5

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
(5) Jeħtieġ li fi tmien snin jiġu impenjati t-totalità tal-assi disponibbli biex jittejbu l-attraenza u l-impatt tal-Programm ta' Riċerka, jiġi ingranat u aċċellerat l-investiment privat fir-riċerka u l-innovazzjoni, tingħata spinta lill-kompetittività u ***tiġi aċċellerata t-trasformazzjoni*** industrijali tas-setturi tal-azzar u tal-faħam ***lejn it-tranżizzjoni ekoloġika*** u d-dekarbonizzazzjoni f'kuntest ġeopolitiku u ekonomiku diffiċli.	(5) Jeħtieġ li fi tmien snin jiġu impenjati t-totalità tal-assi disponibbli biex jittejbu l-attraenza u l-impatt tal-Programm ta’ Riċerka, jiġi ingranat u aċċellerat l-investiment privat fir-riċerka u l-innovazzjoni, tingħata spinta lill-kompetittività u ***jiġu aċċellerati t-tranżizzjoni*** industrijali ***sostenibbli*** tas-setturi tal-azzar u tal-faħam u d-dekarbonizzazzjoni f’kuntest ġeopolitiku u ekonomiku diffiċli***, permezz ta' approċċ newtrali fir-rigward tat-teknoloġija***.

Or. en

Emenda 3
Elena Donazzan

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 8

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
(8) Jenħtieġ li l-Programm ta' Riċerka jiffinanzja l-azzjonijiet abbażi ta' sejħiet miftuħa. Jenħtieġ li l-azzjonijiet primarjament jieħdu l-forma ta' proġetti ta' riċerka li jkopru l-firxa sħiħa minn Livelli	(8) Jenħtieġ li l-Programm ta’ Riċerka jiffinanzja l-azzjonijiet abbażi ta’ sejħiet miftuħa. Jenħtieġ li l-azzjonijiet primarjament jieħdu l-forma ta’ proġetti ta’ riċerka li jkopru l-firxa sħiħa minn Livelli

ta' Tħejjija Teknoloġika baxxi sa għoljin, li jippermettu parteċipazzjoni akbar tal-industrija, inkluż intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u entitajiet pubbliċi u akkademiċi.	ta' Tħejjija Teknoloġika baxxi sa ***livelli*** għoljin, li jippermettu parteċipazzjoni akbar tal-industrija, inkluż intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u entitajiet pubbliċi u akkademiċi***, filwaqt li jiġu appoġġjati sħubijiet pubbliċi-privati robusti***.

Or. en

Emenda 4
Elena Donazzan

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 3 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
	6a. Il-Programm ta' Riċerka għandu jkun iggwidat mill-prinċipju tan-newtralità teknoloġika, filwaqt li jiżgura li l-ebda teknoloġija speċifika ma tiġi preskritta jew iffavorita, filwaqt li jippermetti firxa wiesgħa ta' soluzzjonijiet innovattivi għad-dekarbonizzazzjoni u għat-trasformazzjoni industrijali, abbażi tal-prestazzjoni, tal-iskalabbiltà u tal-kosteffettività tagħhom.

Or. en

Emenda 5
Elena Donazzan

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
1. Il-proġetti ta' riċerka għandhom jimmiraw li jaċċelleraw it-tranżizzjoni lejn ekonomija tal-Unjoni ***newtrali għall-klima sal-2050***, bl-objettiv li tiġi appoġġata l-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili, speċjalment tal-fatham, u li tiġi appoġġata r-rivitalizzazzjoni soċjali, ekonomika u ekoloġika tar-reġjuni tal-fatham, filwaqt li	1. Il-proġetti ta' riċerka għandhom jimmiraw li jaċċelleraw it-tranżizzjoni ***gradwali*** lejn ekonomija tal-Unjoni ***sostenibbli***, bl-objettiv li tiġi appoġġata l-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili, speċjalment tal-fatham, u li tiġi appoġġata r-rivitalizzazzjoni soċjali, ekonomika u ekoloġika tar-reġjuni tal-fatham, filwaqt li

jiġu żviluppati attivitajiet alternattivi fuq siti li qabel kienu minjieri u tiġi evitata jew indirizzata l-ħsara ambjentali mill-minjieri tal-faħam fil-proċess tal-għeluq, mill-minjieri tal-faħam li kienu joperaw fil-passat u r-reġjuni li fihom jinsabu l-minjieri tal-faħam.	jiġu żviluppati attivitajiet alternattivi fuq siti li qabel kienu minjieri u tiġi evitata jew indirizzata l-ħsara ambjentali mill-minjieri tal-faħam fil-proċess tal-għeluq, mill-minjieri tal-faħam li kienu joperaw fil-passat u r-reġjuni li fihom jinsabu l-minjieri tal-faħam.
	Or. en

Emenda 6
Elena Donazzan

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
2. Għandha tingħata attenzjoni speċjali li tissaħħaħ it-tmexxija tal-Unjoni fil-ġestjoni tat-tranżizzjoni, inkluż l-adattament, tal-minjieri tal-faħam li kienu joperaw fil-passat u tal-infrastruttura marbuta mal-faħam permezz ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi u mhux teknoloġiċi, filwaqt li jiġi appoġġat it-trasferiment teknoloġiku u mhux teknoloġiku. L-attivitajiet ta' riċerka b'dawk l-objettivi għandhom jippreżentaw benefiċċji tanġibbli għall-klima u għall-ambjent ***f'konformità mal-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050***.	2. Għandha tingħata attenzjoni speċjali li tissaħħaħ it-tmexxija tal-Unjoni fil-ġestjoni tat-tranżizzjoni, inkluż l-adattament, tal-minjieri tal-faħam li kienu joperaw fil-passat u tal-infrastruttura marbuta mal-faħam permezz ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi u mhux teknoloġiċi, filwaqt li jiġi appoġġat it-trasferiment teknoloġiku u mhux teknoloġiku. L-attivitajiet ta' riċerka b'dawk l-objettivi għandhom jippreżentaw benefiċċji tanġibbli għall-klima u għall-ambjent.
	Or. en

Emenda 7
Elena Donazzan

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 4 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
	5a. Il-proġetti ta' riċerka għandhom ipoġġu enfasi partikolari fuq ir-riġenerazzjoni u l-għoti ta' skop ġdid lill-

minjieri tal-faħam magħluqa, bl-għan li jittrasformawhom f'infrastruttura xierqa għal sorsi ġodda tal-enerġija.

Or. en

Emenda 8
Elena Donazzan

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
4. Il-proġetti ta' riċerka għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-iżvilupp kontinwu tal-ħiliet adattati għall-evoluzzjoni tas-settur lejn proċessi ġodda ***b'emissjonijiet tal-karbonju żero netti***, kif ukoll għat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-promozzjoni ta' standards għoljin tas-saħħa u s-sigurtà u ta' għajxien sostenibbli.	4. Il-proġetti ta' riċerka għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-iżvilupp kontinwu tal-ħiliet adattati għall-evoluzzjoni tas-settur lejn proċessi ġodda ***sostenibbli***, kif ukoll għat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-promozzjoni ta' standards għoljin tas-saħħa u s-sigurtà u ta' għajxien sostenibbli.

Or. en

Emenda 9
Elena Donazzan

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 5 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
	5a. Il-proġetti ta' riċerka għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-katina tal-valur kollha tal-azzar, b'referenza partikolari għall-prodotti lesti, kif ukoll għall-prodotti pproċessati u nofshom lesti.

Or. en